MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1453/2003

**J. Lautier Co. Limited**

**vs**

**Fama Supplies & Services Limited**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Lulju, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm228.15) rappresentanti bilanc minn import akbar ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u ikkonsenjata, liema import baqa' ma thallasx.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mit-2 ta' Settembru 2002, data tal-fattura kontra s-socjeta konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm228.15) bl-imghaxijiet mit-2 ta' Settembru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------